C/2026/3476

1.7.2026

**Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27** [1]

(C/2026/3476)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

**(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)**

**"Clos de Vougeot/Clos Vougeot"**

**Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0310-AM01 — 10.4.2026**

1. **Isem il-prodott**

Clos de Vougeot/Clos Vougeot

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Franza

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

*Isem*

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sovranità Agroalimentari u tal-Ikel, id-Direttorat Ġenerali għall-Prestazzjoni Ekonomika u Ambjentali tal-Intraprizi

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi ta' din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard kif definiti fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għal emenda tad-DOP Clos de Vougeot jew Clos Vougeot ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni; speċifikament, ma:

(a) tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti identifikati bl-indikazzjoni ġeografika;

(b) tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-awtoritajiet Franċiżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

*Titolu*

Żona ġeografika

*Deskrizzjoni*

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima IV(1) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, żdiedet il-frażi "abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024" wara l-kliem "dipartiment ta' Côte-d'Or".

Din l-emenda editorjali tippermetti li ż-żona ġeografika tiġi identifikata b'referenza għall-verżjoni tal-2024 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, li huwa ppubblikat mill-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika u tal-Istudji Ekonomiċi (INSEE), u jagħti ċertezza legali lid-definizzjoni taż-żona ġeografika. Il-konfini tagħha ma nbidlux.

Żdied il-paragrafu li ġej taħt l-istess punt tal-ispeċifikazzjoni sabiex javża li l-mapep taż-żona ġeografika jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u tal-Kwalità (INAO): "Il-mapep taż-żona ġeografika jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-Istitut Nazzjonali tal-Oriġini u tal-Kwalità (INAO)."

Id-dokument uniku ġie emendat taħt l-intestatura "Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika" biż-żieda tal-kliem "abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024".

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Żona ġeografika definita

*Deskrizzjoni*

Is-sentenza finali fil-Kapitolu I, it-Taqsima IV(2), tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġiet emendata għal: "Il-mapep taż-żona tal-irqajja' definita jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tal-INAO."

Wara deċiżjoni meħuda mill-kumitat nazzjonali kompetenti, l-INAO biddel il-proċeduri tiegħu u ma huwiex se jibqa' jissottometti l-mapep taż-żona tal-irqajja' definita lill-kunsilli lokali tal-muniċipalitajiet relevanti iżda se jippubblikahom direttament fuq is-sit web tiegħu.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Żona fil-prossimità immedjata

*Deskrizzjoni*

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima IV(3), tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott żdiedet il-frażi "abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024" wara "tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin".

3. Żona fil-prossimità immedjata

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima IV(3), il-lista tal-muniċipalitajiet ġiet allinjata mal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024, peress li xi muniċipalitajiet biddlu isimhom jew ingħaqdu minn meta ġiet approvata l-aħħar l-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

— Id-Dipartiment ta' Côte-d'Or: Valforêt (il-parti li tikkorrispondi għall-eks muniċipalità ta' Clémencey);

— Id-Dipartiment ta' Rhône: Vindry-sur-Turdine (il-parti li tikkorrispondi għall-eks muniċipalitajiet ta' Clémencey Dareizé, Les Olmes u Saint-Loup);

— Id-Dipartiment ta' Saône-et-Loire: Fragnes-la-Loyère (il-parti li tikkorrispondi għall-eks muniċipalità ta' La Loyère) u La Vineuse-sur-Frégande (il-parti li tikkorrispondi għall-eks muniċipalitajiet ta' Donzy-le-National, La Vineuse u Massy);

— Id-Dipartiment ta' Yonne: Montholon (il-parti li tikkorrispondi għall-eks muniċipalitajiet ta' Champvallon, Villiers-sur-Tholon u Volgré).

Din l-emenda editorjali tippermetti lill-muniċipalitajiet li jiffurmaw iż-żona fil-prossimità immedjata sabiex jiġu identifikati b'referenza għall-verżjoni tal-2024 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE. Iż-żieda ta' dan id-dettall tagħti ċertezza legali lid-definizzjoni ta' dik iż-żona.

L-ismijiet tal-muniċipalitajiet li jiffurmaw iż-żona ġew aġġornati sabiex jitqiesu t-tibdiliet amministrattivi. Il-konfini tagħha jibqgħu l-istess.

Id-dokument uniku ġie emendat taħt l-intestatura "Rekwiżiti oħra applikabbli".

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Prattiki oħra ta' kultivazzjoni

*Deskrizzjoni*

L-għażla li jintużaw metodi oħrajn apparti t-trattament bl-ilma sħun biex tingħeleb il-flavescence dorée tneħħiet mill-Kapitolu I, it-Taqsima VI(2)(b) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, peress li ntwera li l-ebda metodu alternattiv ma kien effettiv.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Metodu ta' ħsad

*Deskrizzjoni*

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima VII(1)(a) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, żdiedu l-kelmiet "f'għenieqed sħaħ" wara l-kelma "maħsud" fis-sentenza "L-inbejjed isiru minn għeneb maħsud meta jkun sar kompletament".

L-emenda sservi biex tinżamm il-kwalità tal-frott matul il-ħsad.

Dan jikkontribwixxi għall-immaġni nobbli u tradizzjonali tad-dežinjazzjoni.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Rabta maż-żona ġeografika

*Deskrizzjoni*

Fil-Kapitolu I, it-Taqsima X(1)(b), tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, ġiet aġġornata d-data tal-produzzjoni.

Din l-emenda formali ma tbiddilx ir-rabta bejn il-prodott u l-oriġini tiegħu.

Id-dokument uniku ġie emendat taħt l-intestatura "Rabta taż-żona ġeografika".

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Il-punti ewlenin li jridu jiġu vverifikati

*Deskrizzjoni*

Fil-linja B2 tat-tabella fil-Kapitolu III, it-Taqsima I, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, żdiedet linja bl-intestatura "Ħsad" bħala punt ewlieni li jrid jiġi vverifikat. Din tispeċifika l-metodu tal-ivverifikar tal-metodu tal-ħsad.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

*Titolu*

Informazzjoni dwar il-korp ta' spezzjoni

*Deskrizzjoni*

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-korp ta' spezzjoni stabbilit fil-Kapitolu III, it-Taqsima II, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġew emendati sabiex jikkonformaw mar-regoli tal-abbozzar il-ġodda.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

**Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid**

**"Clos de Vougeot/Clos Vougeot"**

**Numru ta' referenza tal-UE: PDO-FR-A0310-AM01 — 10.4.2026**

1. **Isem/Ismijiet**

Clos de Vougeot/Clos Vougeot

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Franza

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

1. Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

*Prodott tad-dwieli*

Inbejjed ħomor

*Karatteristiċi organolettiċi*

Apparenza viżiva

L-inbejjed għandhom kulur aħmar skur.

Aroma

Il-fwieħa tagħhom għandha intensità aromatika eċċezzjonali, b'coupage ta' togħmiet ikkonċentrati tal-bakek ħomor u suwed, li jfakkru fiċ-ċirasa, fit-tuta tal-għollieq jew fir-ribes iswed, u b'noti ta' veġetazzjoni li tikber taħt is-siġar jew ta' vjoli.

Togħma

Fuq il-palat, l-inbejjed huma robusti, imlaħħmin, persistenti u ġeneralment ikollhom bilanċ tajjeb bejn tannini delikati, rotondezza u aċidità sottili. L-aromi tagħhom huma tassew dejjiema.

*Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi*

L-inbejjed jitjiebu bl-età fuq medda ta' ħafna snin.

*Karatteristiċi analitiċi*

| | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): | — |
| Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum): | — |
| Aċidità totali minima: | — |
| Unità ta' aċidità totali minima: | — |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): | — |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): | — |

*Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi*

—

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

Prattiki ta' kultivazzjoni

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika ta' kultivazzjoni

Deskrizzjoni

(a) Id-densità tat-tħawwil – Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 9 000 pjanta għal kull ettaru, b'distanza massima ta' 1,25 metru bejn il-flanni u b'distanza minima ta' 0,50 metru bejn il-pjanti fl-istess flann; – Ma huwiex meħtieġ li d-dwieli jitħawlu fi flanni sakemm id-densità minima tat-tħawwil tkun irrispettata u bejn il-pjanti jkun hemm spazju ta' iktar minn 0,50 metru.

(b) Regoli dwar iż-żbir – L-inbejjed joriġinaw minn dwieli miżburin f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Dispożizzjonijiet ġenerali – Id-dwieli jinżabru sa massimu ta' tmien għejun għal kull pjanta: – jew biż-żbir b'rimjiet qosra (dwieli mħarrġin bl-użu tas-sistemi tal-cordon Royat, il-cordon bilaterali, f'forma ta' sġajriet u f'forma ta' mrewħa.); – jew biż-żbir b'rimjiet twal għall-metodu Guyot sempliċi.

Dispożizzjonijiet speċjali – Il-perjodu biex jiġi stabbilit il-cordon huwa limitat għal sentejn. Matul dan il-perjodu, huwa permess li jintuża ż-żbir Guyot doppju għal massimu ta' ħames għejun fuq kull zokk. Iż-żbir Guyot sempliċi jista' jiġi adattat: – permezz ta' rimja sekondarja li tippermetti li l-pożizzjoni taz-zokk irqiq tinbidel minn sena għall-oħra; – jew permezz ta' zokk maqtugħ sa massimu ta' tliet għejun u rimja limitata għal żewġ għejun. Irrispettivament mit-tip ta' żbir, id-dwieli jistgħu jinżabru biex jitħallew għejun addizzjonali bil-kundizzjoni li, fl-istadju fenoloġiku li jikkorrispondi għal 11 jew 12-il werqa, l-għadd ta' frieħi li jagħtu l-frott għas-sena għal kull pjanta ma jaqbiżx l-għadd ta' għejun permessi mir-regoli dwar iż-żbir.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Prattika enoloġika speċifika

Deskrizzjoni

— It-tekniki sottrattivi tal-arrikkiment huma permessi sa rata ta' konċentrazzjoni ta' 10 %;

— Wara l-arrikkiment, il-qawwa alkoħolika totali tal-inbejjed skont il-volum ma tridx tkun aktar minn 14,5 %.

Il-prattiki enoloġiċi użati biex isiru l-inbejjed jikkonformaw mar-regolamenti tal-UE.

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

—

Tip ta' prattika enoloġika

Restrizzjoni għall-produzzjoni tal-inbid

Deskrizzjoni

L-użu ta' laqx tal-injam ma huwiex permess.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Inbejjed ħomor

Rendiment massimu:

| | |
|---|---|
| Rendiment massimu: | 49 |
| Unità ta' rendiment massimu: | ettolitri għal kull ettaru |

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

— Chardonnay B

— Pinot Blanc B

— Pinot Gris G

— Pinot Noir N

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

L-għeneb jinħasad u l-inbejjed jiġu prodotti, jiġu żviluppati u jitqaddmu fil-komun ta' Vougeot fid-dipartiment ta' Côte-d'Or, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

*Kategorija ta' prodotti tad-dwieli*

1. Inbid

*Sommarju tar-rabta*

1. Informazzjoni dwar iż-żona ġeografika

(a) Deskrizzjoni tal-fatturi naturali rilevanti għar-rabta

Iż-żona ġeografika tinsab fl-erja tal-vitikultura tal-Côte de Nuits u hija żona elevata bi ġnub dritti mifruxa fuq madwar 25 kilometru f'direzzjoni bejn wieħed u ieħor lejn it-Tramuntana/in-Nofsinhar. Dan il-pajsaġġ ta' oriġini tettonika jissepara l-plateaux tal-ġebla tal-ġir tal-"Hautes Côtes" [xaqlibiet għoljin] lejn il-Punent, f'altitudni ta' bejn 400 metru u 500 metru, mill-pjanura ta' Bresse lejn il-Lvant, wied tettoniku Terzjarju f'altitudni ta' kważi 250 metru lejn il-lemin tal-"Côte" [xaqliba].

Il-klima hija marittima ttemprata, immoderata minn influwenzi kontinentali u tan-Nofsinhar, u tal-aħħar jestendu lura permezz tal-kuritur tar-Rhône. Il-karattru marittimu tar-reġjun huwa evidenti mix-xita moderata regolari, b'madwar 750 millimetru fis-sena, mingħajr nixfiet sinifikanti fis-sajf. It-temperaturi huma pjuttost friski b'medja annwali ta' 10,5 °C. Il-"Côte", lejn il-Lvant tal-massif ta' Morvan u l-plateaux ta' Bourgogne, igawdi pożizzjoni kennija mir-riħ prevalenti li jagħmilha iktar sħuna u niexfa.

Iż-żona ġeografika hija limitata għal muniċipalità waħda, Vougeot, bejn il-belt ta' Dijon u l-belt żgħira ta' Nuits-Saint-Georges fid-dipartiment ta' Côte-d'Or f'Bourgogne.

F'Vougeot, il-quċċata tal-"Côte", f'għoli ta' madwar 150 metru, hija magħmula minn saffi ta' ġebel tal-ġir taż-żminijiet Bajoċjani u Batonjani (il-Ġurassiku Nofsani), li l-bażi tagħhom hija fformata minn ġebel tal-ġir Comblanchien partikolarment kompatt. Saff irqiq ta' marl Bajoċjan (ġebla tal-ġir taflija) huwa infilzat fi ħdan is-saffi tal-ġebel tal-ġir fil-parti l-baxxa tax-xaqliba, u jifforma bħal bank fil-pajsaġġ.

Il-vinja "Clos de Vougeot" tinsab f'qiegħ ix-xaqliba, fuq il-medda ta' taħt tax-xaqliba, f'altitudni ta' bejn 240 m u 265 m. Tinsab fit-tarf ta' wied fond bi ġnub weqfin li fforma mrewħa alluvjali żgħira. Is-sottostrat ġeoloġiku, kopert minn formazzjonijiet fis-superfiċe, ma għandu ebda promontorju. Il-parti l-baxxa tax-xaqliba sserraħ fuq sottostrat li jikkonsisti f'depożiti tal-marl magħrufin bħala "marnes de Bresse", filwaqt li l-parti ta' fuq tax-xaqliba sserraħ fuq ċangatura baxxa tal-ġebel tal-ġir Ġurassiku. Il-parti ċentrali fiha ħafna xquq u struttura kumplessa. Matul il-medda tal-"Clos" hemm saffi ta' torba fformati minn taħlita ta' tafal u xaħx, li rriżultaw mill-alterazzjoni tas-sottoswol u t-terren sovrastanti u li fformaw imrewħa alluvjali fil-parti tan-Nofsinhar. In-natura tas-saffi tvarja skont il-pożizzjoni tagħhom. Filwaqt li huma bil-ġebel u rqaq fin-naħa ta' fuq tal-"Clos", huma għandhom iktar tafal u huma eħxen fuq il-"marnes de Bresse".

Il-ħamrija ma hijiex daqstant żviluppata, ġeneralment bil-karbonat, baxxa u skulata sew fuq is-sottostrat tal-ġebel tal-ġir, u relattivament fonda, lixxivjata fis-superfiċe u bi skular batut fil-parti tal-Lvant.

(b) Deskrizzjoni tal-fatturi umani rilevanti għar-rabta

L-istorja tal-Clos de Vougeot hija inseparabbilment marbuta mal-Abbatija ta' Cîteaux, fejn oriġinat l-Ordni taċ-Ċisterċensi. Ftit wara l-1098, meta twaqqfet l-abbatija, il-patrijiet akkwistaw irqajja' fil-muniċipalità ta' Vougeot li, maż-żmien, żviluppaw f'roqgħa art konsiderevoli. Seklu wara, ittella' ħajt madwar l-art, biss il-"Clos" ma kinitx taħt il-kontroll sħiħ tal-abbatija qabel is-seklu tmintax. Fl-istess żmien, inbniet kantina tal-fermentazzjoni f'nofs il-"Clos" li saret ix-Château du Clos Vougeot tal-lum, ċentru tal-vitikultura ta' Bourgogne. Il-patrijiet baqgħu l-uniċi sidien sar-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789. Imbagħad, din ġiet ikkonfiskata bħal kull proprjetà ekkleżjastika oħra u nbiegħet bi rkant. Biddlet is-sid numru ta' drabi sal-1889, meta finalment ġiet suddiviża. Issa hija maqsuma bejn madwar 80 sid.

B'digriet fl-1937, il-Clos de Vougeot jew il-Clos Vougeot ġiet rikonoxxuta bħala denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata. Is-sidien u l-operaturi fformaw konsorzju fl-1947.

Fost il-vinji ta' Bourgogne, maż-żmien żviluppaw diversi "climats" [siti ta' vinji b'karatteristiċi speċifiċi] li regolarment jipproduċu nbejjed eċċezzjonali, bħall-Clos de Vougeot. Dawn jinsabu fil-qalba tal-aqwa lokalitajiet, b'kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi ottimali. Dawn ġew identifikati u ssemmew sekli ilu u kemm il-vinji kif ukoll il-kantini tal-inbid jirċievu l-ikbar attenzjoni u dedikazzjoni mill-vitikulturi. Sena wara l-oħra, dawn il-"climats" jipproduċu l-iktar inbejjed perfetti li ilhom għal bosta sekli jokkupaw l-ogħla pożizzjoni fil-klassifika tal-aqwa nbejjed ta' Bourgogne. It-terminu "grand cru", użat biex jiddeskrivihom, beda jidher fuq it-tikketti sa mill-bidu tas-seklu għoxrin u huwa stabbilit sew.

Id-dwieli jitħarrġu skont il-prattiki li jintużaw fit-territorju kollu tal-"Côte de Nuits". B'mod speċifiku, id-densità tat-tħawwil taqbeż id-9 000 pjanta għal kull ettaru u l-varjetà ewlenija ta' għeneb hija l-Pinot Noir N. Il-produtturi jifhmu li l-ħamrija tirrappreżenta patrimonju ta' valur u, għalhekk, joqogħdu attenti ħafna li jikkonservawha. Hija drawwa li l-inbejjed jitħallew jiżviluppaw għal diversi xhur, li jippermettilhom jilħqu potenzjal ta' tiqdim notevoli.

Fl-2024, il-vinji kienu jkopru erja ta' madwar 49 ettaru, filwaqt li kull sena jipproduċu medja ta' 1 804 ettolitri.

2. Informazzjoni dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott

L-inbejjed għandhom kulur aħmar skur. Il-fwieħa tagħhom għandha intensità aromatika eċċezzjonali, b'coupage ta' togħmiet ikkonċentrati tal-bakek ħomor u suwed, li jfakkru fiċ-ċirasa, fit-tuta tal-għollieq jew fir-ribes iswed, u b'noti ta' veġetazzjoni li tikber taħt is-siġar jew ta' vjoli. Fuq il-palat, l-inbejjed huma robusti, imlaħħmin, persistenti u ġeneralment ikollhom bilanċ tajjeb bejn tannini delikati, rotondezza u aċidità sottili. L-aromi tagħhom huma tassew dejjiema. L-inbejjed jitjiebu bl-età fuq medda ta' ħafna snin.

3. Interazzjonijiet kawżali

Il-klima marittima, b'influwenzi kontinentali u min-Nofsinhar, ikkombinata ma' sitwazzjoni topografika partikolarment favorevoli, ma' espożizzjoni perfetta fuq ix-xaqlibiet, u ma' ħamrija ġeblija prodotta mill-erożjoni tal-ġebel tal-ġir Ġurassiku, jagħtu lil dan is-sit imdawwar bil-ħitan kull vantaġġ għall-kultivazzjoni ta' nbejjed ta' kwalità għolja. Il-"Clos de Vougeot" huwa sit ideali għall-varjetà ta' għeneb Pinot Noir N, li hija indiġena għal Bourgogne. Fuq dak is-sit żviluppa l-potenzjal sħiħ tiegħu, li għaldaqstant huwa espress b'eleganza partikolari. Il-vitikulturi jieħdu ħsieb il-vinji b'attenzjoni kbira, u jagħmlu dan bl-għan li jipproduċu rendimenti żgħar.

Il-vinja Clos de Vougeot ġiet suddiviża biss fl-1889, għalkemm iddawret bil-ħitan mill-patrijiet ta' Cîteaux fl-1198. Dawn l-elf sena ta' storja juru u jittraxxendu l-kunċett ta' "climat" speċifiku għal Bourgogne. Illum, kważi 80 sid jaqsmu 50 ettaru ta' vinji, iżda l-Clos de Vougeot tibqa' unika u r-reputazzjoni tagħha, miżmuma sa mill-inqas is-seklu sbatax, inżammet matul iż-żmien.

Fl-1816 Jullien, fit-"Topographie de tous les vignobles connus" [Topografija tal-vinji kollha magħrufin] tiegħu, elenka l-inbejjed ħomor tal-Clos de Vougeot fost l-ifjen inbejjed f'Bourgogne. Fl-1855 Dr Lavalle kkategorizzahom bħala "ma hawnx bħalhom" u fl-1860 il-Kumitat tal-Vitikultura tal-Kontea ta' Beaune ddeżinja l-inbejjed kollha mill-Clos de Vougeot bħala "tal-ogħla klassi". Din il-klassifikazzjoni tal-Clos de Vougeot hija r-riżultat kemm tal-istorja prestiġjuża tagħha kif ukoll tal-kwalità tajba ferm tal-produzzjoni tagħha. L-inbejjed tagħha jinbiegħu u jitfittxu mad-dinja kollha.

Il-"Clos", bil-ħajt tagħha u l-kastell tagħha (it-tnejn rikonoxxuti bħala "monumenti storiċi"), li tinsab fil-qalba ta' dan is-sit eċċezzjonali, tibqa' s-simbolu tal-eċċellenza tal-inbejjed ta' Bourgogne. Sa mill-1944, ix-Château du Clos Vougeot kien il-kwartieri tal-Confrérie des Chevaliers du Tastevin, u pprovda lok mistħoqq għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni fil-promozzjoni tal-inbejjed ta' Bourgogne mad-dinja kollha.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

*Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga*

Żona fil-prossimità immedjata

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Deroga li tikkonċerna l-produzzjoni fiż-żona ġeografika definita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

Iż-żona fil-prossimità immedjata, definita b'deroga għall-produzzjoni, għall-iżvilupp u għall-maturazzjoni tal-inbejjed, tinkludi t-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-2024:

— Id-Dipartiment ta' Côte-d'Or: Agencourt, Aloxe-Corton, Ancey, Arcenant, Argilly, Autricourt, Auxey-Duresses, Baubigny, Beaune, Belan-sur-Ource, Bévy, Bissey-la-Côte, Bligny-lès-Beaune, Boncourt-le-Bois, Bouix, Bouze-lès-Beaune, Brion-sur-Ource, Cérilly, Chamboeuf, Chambolle-Musigny, Channay, Charrey-sur-Seine, Chassagne-Montrachet, Châtillon-sur-Seine, Chaumont-le-Bois, Chaux, Chenôve, Chevannes, Chorey-lès-Beaune, Collonges-lès-Bevy, Combertault, Comblanchien, Corcelles-les-Arts, Corcelles-les-Monts, Corgoloin, Cormot-Vauchignon, Corpeau, Couchey, Curley, Curtil-Vergy, Daix, Dijon, Ebaty, Echevronne, Epernay-sous-Gevrey, Etrochey, Flagey-Echézeaux, Flavignerot, Fleurey-sur-Ouche, Fussey, Gerland, Gevrey-

Chambertin, Gilly-lès-Citeaux, Gomméville, Grancey-sur-Ource, Griselles, La-Rochepot, Ladoix-Serrigny, Lantenay, Larrey, L'Etang-Vergy, Levernois, Magny-lès-Villers, Mâlain, Marcenay, Marey-lès-Fussey, Marsannay-la-Côte, Massingy, Mavilly-Mandelot, Meloisey, Merceuil, Messanges, Meuilley, Meursanges, Meursault, Molesme, Montagny-lès-Beaune, Monthelie, Montliot-et-Courcelles, Morey-Saint-Denis, Mosson, Nantoux, Nicey, Noiron-sur-Seine, Nolay, Nuits-Saint-Georges, Obtrée, Pernand-Vergelesses, Perrigny-lès-Dijon, Plombières-lès-Dijon, Poincon-lès-Larrey, Pommard, Pothières, Premeaux-Prissey, Prusly-sur-Ource, Puligny-Montrachet, Quincey, Reulle-Vergy, Ruffey-lès-Beaune, Saint-Aubin, Saint-Bernard, Sainte-Colombe-sur-Seine, Sainte-Marie-la-Blanche, Saint-Philibert, Saint-Romain, Santenay, Savigny-lès-Beaune, Segrois, Tailly, Talant, Thoires, Valforêt (il-parti li tikkorrispondi għall-eks municipalità ta' Clémencey), Vannaire, Velars-sur-Ouche, Vertault, Vignoles, Villars-Fontaine, Villebichot, Villedieu, Villers-la-Faye, Villers-Patras, Villy-le-Moutier, Vix, Volnay, Vosne-Romanée, Vougeot;

— Id-Dipartiment ta' Rhône: Alix, Anse, Arnas, Bagnols, Beaujeu, Belleville, Belmont-d'Azergues, Blacé, Bully, Cercié, Chambost-Allières, Chamelet, Charentay, Charnay, Châtillon, Chazay-d'Azergues, Chénas, Chessy, Chiroubles, Cogny, Corcelles-en-Beaujolais, Denicé, Dracé, Emeringes, Fleurie, Frontenas, Gleizé, Juliénas, Jullié, L'Arbresle, Lacenas, Lachassagne, Lancié, Lantignié, Le Breuil, Le Perréon, Légny, Létra, Les Ardillats, Limas, Lozanne, Lucenay, Marchampt, Marcy, Moiré, Montmelas-Saint-Sorlin, Morancé, Odenas, Le Perréon, Pommiers, Porte des Pierres Dorées, Quincié-en-Beaujolais, Régnié-Durette, Rivolet, Saint-Clément-sur-Valsonne, Saint-Cyr-le-Chatoux, Saint-Didier-sur-Beaujeu, Saint-Etienne-des-Oullières, Saint-Etienne-la-Varenne, Saint-Georges-de-Reneins, Saint-Germain-Nuelles, Saint-Jean-des-Vignes, Saint-Julien, Saint-Just-d'Avray, Saint-Lager, Saint-Romain-de-Popey, Saint-Vérand Sainte-Paule, Salles-Arbuissonnas-en-Beaujolais, Sarcey, Taponas, Ternand, Theizé, Val d'Oingt, Vaux-en-Beaujolais, Vauxrenard, Vernay, Villefranche-sur-Saône, Ville-sur-Jarnioux et Villié-Morgon, Vindry sur Turdine (il-parti li tikkorrispondi għall-eks municipalitajiet ta' Dareizé, Les Olmes u Saint-Loup);

— Id-Dipartiment ta' Saône-et-Loire: Aluze, Ameugny, Azé, Barizey, Beaumont-sur-Grosne, Berzé-la-Ville, Berzé-le-Châtel, Bissey-sous-Cruchaud, Bissy-la-Mâconnaise, Bissy-sous-Uxelles, Bissy-sur-Fley, Blanot, Bonnay-Saint-Ythaire, Bouzeron, Boyer, Bray, Bresse-sur-Grosne, Burgy, Burnand, Bussières, Buxy, Cersot, Chagny, Chaintré, Châlon-sur-Saône, Chamilly, Champagny-sous-Uxelles, Champforgeuil, Chânes, Change, Chapaize, La Chapelle-de-Bragny, La Chapelle-de-Guinchay, La Chapelle-sous-Brancion, Charbonnières, Chardonnay, La Charmée, Charnay-lès-Mâcon, Charrecey, Chasselas, Chassey-le-Camp, Château, Châtenoy-le-Royal, Chaudenay, Cheilly-lès-Maranges, Chenôves, Chevagny-les-Chevrières, Chissey-lès-Mâcon, Clessé, Cluny, Cormatin, Cortambert, Cortevaix, Couches, Crèches-sur-Saône, Créot, Cruzille, Culles-les-Roches, Curtil-sous-Burnand, Davayé, Demigny, Dennevy, Dezize-lès-Maranges, Donzy-le-Pertuis, Dracy-lès-Couches, Dracy-le-Fort, Epertully, Etrigny, Farges-lès-Chalon, Farges-lès-Macon, Flagy, Fleurville, Fley, Fontaines, Fragnes-la-Loyère (il-parti li tikkorrispondi għall-eks municipalità ta' La Loyère), Fuissé, Genouilly, Germagny, Givry, Granges, Grévilly, Hurigny, Igé, Jalogny, Jambles, Jugy, Jully-lès-Buxy, La Vineuse-sur-Frégande (il-parti li tikkorrispondi għall-eks municipalitajiet ta' Donzy-le-National, La Vineuse u Massy), Lacrost, Laives, Laizé, Lalheue, Leynes, Lournand, Lugny, Mâcon, Malay, Mancey, Martailly-lès-Brancion, Massilly, Mellecey, Mercurey, Messey-sur-Grosne, Milly-Lamartine, Montagny-lès-Buxy, Montbellet, Montceaux-Ragny, Moroges, Nanton, Ozenay, Paris-l'Hôpital, Péronne, Pierreclos, Plottes, Préty, Prissé, Pruzilly, Remigny, La Roche-Vineuse, Romanèche-Thorins, Rosey, Royer, Rully, Saint-Jean-de-Trézy, Saint-Albain, Saint-Ambreuil, Saint-Amour-Bellevue, Saint-Boil, Saint-Clément-sur-Guye, Saint-Denis-de-Vaux, Saint-Désert, Saint-Gengoux-de-Scissé, Saint-Gengoux-le-National, Saint-Germain-lès-Buxy, Saint-Gervais-sur-Couches, Saint-Gilles, Saint-Jean-de-Vaux, Saint-Léger-sur-Dheune, Saint-Mard-de-Vaux, Saint-Martin-Belle-Roche, Saint-Martin-du-Tartre, Saint-Martin-sous-Montaigu, Saint-Maurice-de-Satonnay, Saint-Maurice-des-Champs, Saint-Rémy, Saint-Sernin-du-Plain, Saint-Vallerin, Saint-Vérand, Saisy, La Salle, Salornay-sur-Guye, Sampigny-lès-Maranges, Sancé, Santilly, Sassangy, Saules, Savigny-sur-Grosne, Sennecey-le-Grand, Senozan, Sermuncy, Serrières, Sigy-le-Châtel, Sologny, Solutré-Pouilly, Saint-Maurice-lès-Couches, Saint-Pierre-de-Varennes, Saint-Symphorien-d'Ancelles, Taizé, Tournus, Uchizy, Varennes-lès-Mâcon, Vaux-en-Pré, Vergisson, Vers, Verzé, Le Villars, Vinzelles, Viré;

— Id-Dipartiment ta' Yonne: Aigremont, Annay-sur-Serein, Arcy-sur-Cure, Asquins, Augy, Auxerre, Avallon, Bazarnes, Beine, Bernouil, Béru, Bessy-sur-Cure, Bleigny-le-Carreau, Censy, Chablis, Champlay, Champs-sur-Yonne, Chamvres, Charentenay, Châtel-Gérard, Chemilly-sur-Serein, Cheney, Chevannes, Chichée, Chitry, Collan, Coulangeron, Coulanges-la-Vineuse, Courgis, Cruzy-le-Châtel, Dannemoine, Deux-Rivières, Dyé, Epineuil, Escamps, Escolives-Sainte-Camille, Fleys, Fontenay-près-Chablis, Gy-l'Evêque, Héry, Irancy, Island, Joigny, Jouancy, Junay, Jussy, La-Chapelle-Vaupelteigne, Lichères-près-Aigremont, Lignorelles, Ligny-le-Châtel, Lucy-sur-Cure, Maligny, Mélisey, Merry-Sec, Migé, Molay, Molosmes, Montholon (il-parti li tikkorrispondi għall-eks muniċipalitajiet ta' Champvallon, Villiers-sur-Tholon u Volgré), Montigny-la-Resle, Mouffy, Moulins-en-Tonnerrois, Nitry, Noyers, Ouanne, Paroy-sur-Tholon, Pasilly, Pierre-Perthuis, Poilly-sur-Serein, Pontigny, Préhy, Quenne, Roffey, Rouvray, Saint-Père, Sainte-Pallaye, Sarry, Senan, Serrigny, Saint-Bris-le-Vineux, Saint-Cyr-les-Colons, Sainte-Vertu, Tharoiseau, Tissey, Tonnerre, Tronchoy, Val-de-Mercy, Vallan, Venouse, Venoy, Vermenton, Vézannes, Vézelay, Vézinnes, Villeneuve-Saint-Salves, Villy, Vincelles, Vincelottes, Viviers u Yrouerre.

F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33, iż-żona fil-prossimità immedjata tikkorrispondi għal żona fil-prossimità immedjata taż-żona definita inkwistjoni.

*Titolu tar-rekwiżit/tad-deroga*

Tikkettar

Qafas legali

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit/deroga ulterjuri

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit/tad-deroga

(a) L-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-unità ġeografika usa' "Vin de Bourgogne" jew "Grand Vin de Bourgogne".

(b) Huwa pprojbit li tiġi ddikjarata l-varjetà ta' għeneb fuq it-tikketti tal-inbejjed bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

(c) L-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta jista' jiġi ssupplimentat bit-terminu tradizzjonali "Grand Cru".

**Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

https://info.agriculture.gouv.fr/boagri/document_administratif-4d5bf76d-50ff-43c6-84e1-54e10078aecc